TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 461/11/GZ

**Jacqueline Farrugia**

**vs**

**Ventura General Gas Ltd**

Illum 10 ta' Dicembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-31 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmien mija u tmenin Ewro (€880.00), rapprezentanti l-prezz ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00) li hallset lis-socjeta' ntimata meta xtrat il-'fridge', u l-istima ta' sitt mitt Ewro (€600.00) ghal 'freezer' gdid wara li tali 'freezer' gie ddanneggjat stante li l-'fridge' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'fridge' minghand is-socjeta' ntimata f'Dicembru 2010, liema 'fridge' kienet giet installata fl-24 ta' Marzu 2011, u ghalhekk il-garanzija dahlet fis-sehh minn dik id-data. Gimghatejn biss wara li kienet giet installata, ir-rikorrenti kienet innotat ilma taht l-imsemmija 'fridge'. Ir-rikorrenti kienet ilmentat mas-socjeta' ntimata minn liema kien hemm diversi attentati sabiex issewwiha.

Ir-rikorrenti qed titlob li tinghata 'fridge' gdida minghand is-socjeta' ntimata, sabiex tissostitwixxi l-'fridge' difettuza. Is-socjeta' ntimata kienet ipprovat issewwi tali 'fridge' tliet (3) darbiet fi zmien tliet (3) xhur. Li kieku din il-'fridge' difettuza kienet giet sostitwita, ma kenitx tikkawza iktar dannu lill-'freezer' tar-rikorrenti, liema 'freezer' kien jinsab taht il-'fridge' in kwistjoni..

Ir-rikorrenti ezebiet zewg (2) ritratti

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u kkjarifikat illi t-talba taghha hija ghall-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00) ghall-'fridge' u sitt mitt Ewro (€600.00) ghal 'freezer' gdid, hekk skond l-istima li nghatat.

Ir-rikorrenti ezebiet numru ta' dokumenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha stqarret illi hija kienet baghtet tekniku u l-'fridge' kienet ittiehdet ghall-ispezzjoni, minn fejn irrizultalha illi l-injama ta' bejn il-'fridge' u l-'freezer' ma kenitx maghmula kif suppost, fis-sens illi ghandha tkun maghmula b'tali mod illi ma tassorbix l-ilma. Is-socjeta' ntimata stqarret ukoll illi hija u t-teknici taghha ma kienu sabu l-ebda difett fil-'fridge'.

It-Tribunal appunta lil Charles Yousif, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilmenti tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, josserva r-rapport ta' l-espert tekniku, fejn gie konkluz: *"The tests have shown that the built-in fridge Model VBGN 1500A has faulty or insufficient insulation at the bottom, with the result that the air immediately adjacent to that surface cools down. Once this occurs, the humidity present in the air condenses on the coldest surface, which is the bottom of the fridge and eventually drops down on the wooden shelf of the unit."*. It-Tribunal josserva wkoll,' illi skond l-istess espert: *"The sealing around the fridge's door is intact and there is no condensation seeping out from within the fridge itself to the wooden shelf below."*. It-Tribunal jikkonkludi illi allavolja ma jistax jinghad li s-socjeta' ntimata naqqset mill-obbligi taghha, stante li hija dejjem hadet konjizzjoni ta' kull rapport li sar min-naha tar-rikorrent, it-terminu ta' sentejn ghadu ma skadiex u ghalhekk il-garanzija ghadha fis-

sehh. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, billi jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**